Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,627, 12 ta' Ġunju, 1998
Taqsima B

A.L. 149 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ordinamenti għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - fil-Fakulta' ta' l-Arkitettura u l-Inġinerija Ċivili, 1998

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakulta' ta' l-Arkitettura u l-Inġinerija Ċivili bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-Ordinamenti jistgħu jissejħu l-Ordinamenti għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - fil-Fakulta' ta' l-Arkitettura u Inġinerija Ċivili, 1998.

(2) Dawn l-Ordinamenti, kemm-il darba r-rabta ta' kliem ma tehtieġx xort'oħra

"il-Bord" ifisser il-Bord tal-Fakulta' ta' l-Arkitettura u Inġinerija Ċivili;

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D.;

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D - fl-Arkitettuta u Inġinerija Ċivili.

Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Novembru 1994 'il quddiem.

Reġistrazzjoni

3. (1) Kandidat reġistrat għall-Ph.D. fil-Fakulta' ta' l-Arkitettura u l-Inġinerija Ċivili għandu jissodisfa l-Ordinamenti li ġejjin, fit-termini tar-Regolament 4(1)(b) tal-Grad ta' Doctor of Philosophy, u minnbarra r-rekwiżiti ta' regolamenti ġenerali li jiggvernaw il-Grad.

(2) Kandidat jeħtieġ normalment li jirreġistra l-ewwel għall-Grad ta' M.Phil qabel ma jirreġistra għall-Grad ta' Ph.D. Kandidat għandu biss f'każijiet eċċezzjonali jitqies għal reġistrazzjoni diretta għall-Grad.

Trasferiment ta' Reġistrazzjoni

4. (1) L-iggradar 'il fuq tar-reġistrazzjoni mill-Grad ta' M.Phil għall-Grad għandu jkun permess mhux inqas minn 12 il-xahar ta' studju *full-time* jew 24 xahar ta' studju *part-time* wara l-ewwel reġistrazjoni għall-grad ta' M.Phil, u fuq ir-rakkomandazzjoni tas-superviżur tal-kandidat u bl-approvazzjoni tal-Bord tal-Fakulta' ta' l-Arkitettuta u Inġinerija Ċivili.

(2) Student jeħtieġ jirreġistra kull 12-il xahar, fuq ir-rakkomandazjoni bil-miktub tas-supervizur.

Proposti ta' Riċerka u Teżi

5. (1) Il-proposti ta' riċerka ta' student għandhom jindikaw b'mod ċar il-mistoqsijiet ta' riċerka fil-qasam li għandu jkun indirizzat, l-ipotezijiet li għandhom ikunu ttestjati, u l-metodoloġija li għandha tkun adottata fit-trattament tal-kwistjonijiet ta' riċerka. Student jeħtieġ fejn neċessarju jintalab juri kompetenza f'dawk il-kapaċitajiet mitluba min-natura relatat ta' l-investigazzjoni.

(2) Student reġistrat għall-Grad jeħtieġ jipparteċipa bis-sħiħ fis-seminars ta' riċerka tal-Fakulta'.

(3) It-teżi ta' student għandha tirrapporta l-iskoperta ta' fatti ġodda u/jew turi li student ezerċita analizi kritika indipendenti biex jilħaq il-konkluzjonijiet irrapportati. L-istudent għandu fiż-żewġ każi jindika b'mod ċar safejn it-teżi tinkorpora r-riżultati tar-riċerka u l-osservazzjonijiet tiegħu nnifsu, u safejn l-investigazzjoni tavvanza l-istudju tas-suġġett.

(4) Kull bidla fit-titlu tat-teżi ta' l-istudent għandha l-ewwel tkun approvata mill-Bord tal-Fakulta' fuq rakkomandazzjoni bil-miktub tas-superviżur, u għandha tkun sottomessa għall-approvazzjoni tas-Senat fit-termini tar-Regolament 7(1) tal-Grad.

(5) Supervizur ieħor għandu jkun maħtur mill-Bord tal-Fakulta' biex igħin biex l-istudji ta' l-istudent jissoktaw f'każijiet fejn is-superviżur maħtur ta' student ma jkunx jista' jissokta li jipprovdi superviżjoni.

(6) It-teżi m'għandhiex normalment teċċedi 60,000 kelma li jeskludu l-appendiċi, bibljografiji, glossarji u *footnotes*.

(7) Tliet kopji ttajpjati jew stampati u llegati tat-teżi, issetjati skond in-noti ta' l-Universita' fuq il-preżentazzjoni tat-teżijiet u rapporti għandhom ikunu ppreżentati.

(8) Sunt tat-teżi ta' mhux iktar minn 300 kelma għandu jkun illegat ma' kull kopja sottomessa lill-Universita'.

(9) Student jista' jingħata permess mill-Bord tal-Fakulta' biex jippubblika parti mill-iskoperti tiegħu qabel is-sottomissjoni tat-teżi.